# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 350.08

## REGOLAMENTI DWAR KOPJI TA' *TAPES*

1 ta' Jannar, 2001

*L-AVVIŻ LEGALI 245 ta' l-2000, kif emendat bl-Avviż Legali 424 ta' l-2007.*

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar Kopji ta' *Tapes*. Titolu.

**2.** (1) Għall-fini ta' dawn ir-regolamenti: Tifsir.

"Awtorità" tfisser l-Awtorità tax-Xandir imwaqqfa skond l-artikolu 118 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"persuna li tressaq ilment" tfisser terza persuna milquta li titlob lill-Awtorità li din ta' l-aħħar tassigura li xandar jikkonforma mad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar ix-Xandir. Kap. 350.

(2) Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti għandhom jingħataw l-istess tifsir mogħti lilhom fl-Att dwar ix-Xandir.

**3.** Xandar għandu jipprovdi lil kull persuna aggravata bil-kontenut ta' xandira b'kopja ta' dik ix-xandira fi żmien ġurnata mid-data minn meta ssir it-talba minn dik il-persuna. Obbligi ta' xandar.

**4.** Għall-għoti ta' kopja ta' xandir, persuna li tagħmel ilment għandha tħallas dawn id-drittijiet lix-xandar: Drittijiet li jitħallsu lix-xandar. *Emendat: A.L. 424 ta' l-2007.*

(*a*) f'każ ta' programm tar-radju -

(i) dritt ta' tlieta u għoxrin euro (23) għal xandira li ma teċċediex siegħa liema dritt għandu jinkludi l-ispejjeż kollha, inkluż il-prezz tal-provvista ta' *audio cassette*; u

(ii) dritt addizzjonali ta' ħames euro u ħamsin ċenteżmu (5.50) għal siegħa addizzjonali jew parti minnha;

(*b*) f'każ ta' programm tat-televiżjoni -

(i) dritt ta' erbgħa u tletin euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (34.50) għal xandira li ma teċċediex siegħa liema dritt jinkludi l-ispejjeż kollha, inkluż il-prezz tal-provvista ta' *video cassette*; u

(ii) dritt addizzjonali ta' ħames euro u ħamsin ċenteżmu (5.50) għal siegħa addizzjonali jew parti minnha.

**5.** F'każ li x-xandar jonqos milli jipprovdi kopja ta' dak it-*tape* imsemmi qabel fil-perjodu msemmi fir-regolament 3, l-Awtorità għandha tipprovdi kopja ta' dik ix-xandira lill-persuna aggravata u d-drittijiet imsemmi fir-regolament 4 għandhom jiġu mħallsa lill-Awtorità. Nuqqas ta' xandar li jipprovdi kopja ta' xandira.

**6.** Id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti huma bla ħsara għall-poteri ta' l-Awtorità skond id-disposizzjoni ta' l-artikolu 21A(3) ta' l-Att dwar ix-Xandir. Poteri ta' l-Awtorità. Kap. 350.